MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 390/2010

**George Meli (I.D. Card Nru. 990448M)**

**Vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn George Meli permezz ta' liema jitlob li l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta tigi ordnata tirtira l-pretensjoni taghha ghall-hlas ta' hames mija wiehed u disghin Euro u ghaxar centezmi (€591.10), rapprezentanti drittijiet tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LAN-825 b'effett mill-1 ta' Jannar 2003, kif ukoll kwalsiasi penali inflitta fil-konfront tieghu b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009, bl-ispejjez kontra l-istess Awtorità. Rat l-ittra ufficjali datata 16 ta' Settembru 2010, esebita flimkien mar-Rikors promotur u markata Dok. "A"[1];

---

[1] Fol. 4 sa' 6 tal-process.

Rat ir-Risposta pprezentata mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, ghaliex: (i) fl-ewwel lok ir-Rikorrenti jrid jipprova dak minnu allegat fir-Rikors promotur; (ii) fin-nuqqas ta' indikazzjoni fir-Rikors promotur tax-xhieda li ser jigu prodotti ai termini ta' l-Artikolu 57(5) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikorrenti ma jistax iressaq xhieda; (iii) ir-Rikorrenti jammetti li huwa ttrasferixxa il-vettura mertu tal-kontestazzjoni minghajr ma ta avviz tat-trasferiment lill-Awtorità kif rikjest fl-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ghalhekk, skond l-imsemmi artikolu tal-Ligi, ghadu legalment responsabbli ghall-hlas tal-licenzji; (iv) kien l-obbligu tar-Rikorrenti li jirritorna l-pjanci tal-vettura lill-Awtorità;

Rat id-Digriet datat 15 ta' Novembru 2010 li bih ir-Rikorrenti gie awtorizzat jipprezenta Nota li fiha jindika x-xhieda li ser jigu prodotti in sostenn tat-talba tieghu. Rat in-Nota pprezentata mir-Rikorrenti in adempiment ma' l-imsemmi Digriet;

Rat l-affidavit tar-Rikorrenti u dokumenti annessi mieghu[2], rat l-affidavit ta' Richard Fenech[3] u l-affidavit ta' Victor Vella[4] u semghet ix-xhieda ta' Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità intimata, tar-Rikorrenti u ta' Richard Fenech moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2011;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

B'ittra ufficjali datata 16 ta' Settembru 2010, l-Awtorità intimata interpellat lir-Rikorrenti sabiex ihallasha s-somma

[2] Dok. "MZM1" a fol. 23 u 24 tal-process u Dok. "GM1" u Dok. "GM2" a fol. 25 u 26 tal-process.
[3] Dok. "MZM2" a fol. 27 tal-process.
[4] Fol. 29 tal-process.

ta’ €591.10, rapprezentanti drittijiet tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LAN-825 dovuti mill-1 ta’ Jannar 2003 sad-data ta’ l-ittra ufficjali. In oltre l-Awtorità intimata wissiet lir-Rikorrenti li ai termini tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar tal-Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, b’effett mill-1 ta’ Ottubru 2009 bdiet tiddekorri fil-konfront tieghu multa amministrattiva ta’ €2.00 kuljum, li ghall-perijodu bejn l-1 ta’ Ottubru 2009 u l-31 ta’ Awissu 2010, kienet tammonta ghal €668.00.

Ir-Rikorrenti jikkontesta t-talba ta’ l-Awtorità intimata in bazi ghall-affermazzjoni li *qabel Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003), l-esponenti kien biegh din il-vettura lil Victor Vella ta’ Small Boy Garage, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex*. *Din il-vettura inbieghet ghal finijiet ta’ parts lil dan il-panel beater peress illi ma kinitx vettura li ghadha tajba ghat-triq. Wara dan il-perijodu din il-vettura qatt ma regghet instaqet fit-toroq Maltin tant illi anke biex marret ghand min xtaraha kellha tingarr. Jirrizulta illi l-akwirent ta’ din il-vettura ma rritornax il-pjanci ta’ l-istess vettura lid-dipartiment sabiex din tigi dikjarata bhala scrapped*.

Fl-affidavit tieghu r-Rikorrenti jikkonferma dak kollu affermat fir-Rikors promotur u rega’ tenna li l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LAN-825, jew ahjar ir-*wreck* taghha, inbieghet ghall-parts, tramite l-intervent ta’ Richard Fenech, lil certu Victor Vella minn Ghawdex, maghrufa bhala “Small Boy”, verso l-prezz ta’ Lm60.00. Ir-Rikorrenti jghid li *kont tajt il-log book iffirmat minni lil Richard Fenech, illi kien tkellem ma’ Victor Vella. Jiena tajt struzzjonijiet cari lil Richard Fenech sabiex Vella jiehu hsieb idahhal it-transfer tal-vettura ma’ l-Awtoritajiet ikkoncernati, u Richard Fenech kien ikkonfermali illi ghadda dan il-messagg lil Vella*[5]. Dak dikjarat mir-Rikorrenti gie kkoroborat u kkonfermat kemm minn Richard Fenech kif ukoll minn Victor Vella u, partikolarment dan ta’ l-ahhar xehed illi *Richard Fenech kien ghaddieli l-log book iffirmat biex jiena nkun nista’*

[5] Affidavit tar-Rikorrenti Dok. “MZM1” a fol. 23 u 24 tal-process.

*naghmel it-transfer u l-iscrapping tal-vettura. Jiena din il-procedura hija solita ghalija ghaliex naghmilha kemm-il darba f'kazijiet ta' vetturi illi nixtri ghal dan il-ghan*[6]*.*

Ghalkemm il-fatti ta' x' gara f'dan il-kaz jinsabu debitament stabbiliti, xorta jibqa' l-fatt li t-trasferiment tal-vettura in kwistjoni jew ahjar tar-*wreck* taghha mir-Rikorrenti lil Victor Vella ma giex registrat ma' l-Awtorità intimata, fatt dan ikkonfermat minn Victor Vella stess fl-affidavit tieghu. Ghad illi l-Qorti ma tiddubitax mill-*buona fede* tar-Rikorrenti xorta wahda ma tistax tinjora dak provdut fl-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *kull persuna imsemmija fuq il-licenza bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xorta ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenza, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenza sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenza ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura.*

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-obbligu li jinghata d-debitu avviz tat-trasferiment tal-vettura lill-Awtorità intimata jinkombi fuq *kull persuna imsemmja fuq il-licenza bhala sid* u cioè, fil-kaz in ezami, fuq ir-Rikorrenti, u fin-nuqqas li jsir dan hija dik l-istess persuna – u cioè dejjem ir-Rikorrenti – li tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet tal-Kap.65 bhala sid jew wiehed mis-sidein tal-vettura, fosthom ir-responsabiltà civili ghall-hlas tal-licenzja ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta – *sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenza relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenza rilevanti*.

[6] Affidavit ta' Victor Vella, fol. 29 tal-process.

Ir-Rikorrenti kompla jiggrava l-posizzjoni tieghu meta ghalkemm ircieva avviz minghand l-Awtorità intimata, u dana qabel l-ittra ufficjali kontestata b'dawn il-proceduri, huwa naqas milli jirregolarizza l-posizzjoni tieghu ma' l-istess Awtorità u illimita ruhu biss li jibghat risposta lil Victor Vella tramite Richard Fenech biex jiehu hsieb in-notifika tat-trasferiment lill-Awtorità.

Il-fatt li bejn ir-Rikorrenti u Victor Vella kien hemm ftehim li t-trasferiment tar-*wreck* kellu jigi debitament notifikat lill-Awtorità intimata minn Victor Vella u dan Victor Vella jassumi responsabiltà assoluta ghan-nuqqas li jaghti avviz dwar it-trasferiment, bl-ebda mod ma jista' jaqleb l-oneru legali impost fuq ir-Rikorrent u/jew jeffettwa jew jippregudika lill-Awtorità intimata, ghaliex dan kien ftehim *res inter alio acta* u l-Awtorità ma tidholx fih.

Ghalkemm Victor Vella jghid illi *nixtieq nikkonferma … li kif jiena kont gibt il-vettura mahbuta, kont nehhejtilha l-parts illi kelli bzonn ghal vettura illi kont qieghed insewwi u immedjatament wara ftit zmien dak li kien baqa' minn dik il-vettura kien tqatta u gie mormi. Zgur illi wara li xtrajt il-vettura jien, din il-vettura qatt ma regghet instaqet fit-toroq Maltin*, ma jirrizultax li l-pjanci u l-*log book* tal-vettura gew ritornati lill-Awtorità intimata biex il-vettura tigi *scrapped* u ghalhekk sa' llum ghadha tidher registrata fuq ir-Rikorrenti.

B'hekk la ma nghatax avviz tat-trasferiment u li l-vettura in kwistjoni giet *scrapped*, ir-Rikorrenti bhala r-*registered* owner tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LAN-825, jibqa' responsabbli ghal tali vettura w ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta obbligat ihallas id-drittijiet tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni b'effett mill-1 ta' Jannar 2003, kif mitlub mill-Awtorità intimata.

In kwantu rigwarda l-multa amministrattiva jigi osservat illi l-ittra ufficjali bin-Numru 3653/10 datata 16 ta' Settembru 2010, inharget a tenur ta' l-Artikolu 57(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-procedura istitwita mir-Rikorrenti ukoll tirrizulta mill-istess imsemmi artikolu tal-Ligi li jipprovdi:

*meta l-Awtorità taghti xi avviz bil-mezz ta' ittra ufficjali li l-imsemmija persuna tkun civilment responsabbli ghall-hlas ta' xi ammont dovut lill-Awtorità taht dan l-artikolu, l-imsemmi avviz jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet tat-Titlu VII tal-Parti I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kemm-il darba l-persuna avzata ma tibdiex procediment fil-qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni civili sabiex toggezzjona ghall-imsemmi avviz fi zmien tletin jum mid-data li l-imsemmi avviz ikun gie notifikat lilha.*

Huwa ferm car li dan l-artikolu ma jikkontemplax it-talba ghall-hlas tal-multa amministrattiva rizultanti mir-Regolament 14(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 izda biss it-talba ghall-hlas ta' licenzi dovuti u ghalhekk bl-ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi l-Awtorità intimata ma hijiex qed, u del resto lanqas tista', titlob il-hlas tal-multa amministrattiva imsemmija. Fid-dawl ta' dan u b'zieda ma' l-istess, jigi osservat li dak dispost fl-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta rigward is-sahha ezekuttiva ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Settembru 2010, lanqas ma ghandu japplika fir-rigward tal-multa amministrattiva imsemmija.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba tar-Rikorrenti. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------